MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 1403/2004

**SMS Insurance Agency Ltd (C 5645) ghan-nom tas-socjeta` estera Ecclesiastical Insurance Office plc kif surrogata fid-drittijiet ta` Nazzareno Camilleri (ID 109335 M) u l-istess Nazzareno Camilleri**

**Vs**

**Christian Mangion (ID 249976 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta` Lulju, 2005, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta` tmien mija u sitta u hamsin lira, sitta u tletin centezmu (Lm 856.36), rapprezentanti dan sofferti wara kollizzjoni bejn vettura numru GAV 364 misjuqa min u proprjeta` ta` l-attur Camilleri u vettura numru BBI 581 misjuqa mill-konvenut, nhar it-tlieta u ghoxrin ta` Lulju, 2003, gewwa l-Furjana, ghal liema ncident l-istess konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra legali tas-16 ta` Ottubru, 2003, (Dok. A) u kif ukoll ta` l-ittra ufficcjali li gietipprezentata kontestwalment ghal finijiet tal-Kap. 104, (Dok. B) u bl-imghaxijiet dekorribbli skond il-ligi sa l-effettiv pagament.

Ra illi meta msejjah in subizzjoni, l-konvenut innega li kellu jhallas l-ammont mitlub minghand l-atturi peress li allega li ma kien jahti xejn ghall-incidenti in kwistjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 5 ta` Mejju, 2006, fejn ikkontesta formalment it-talba attrici billi nnega r-responsabbilita` ta` l-incident stradali u billi l-ammont mitlub kien ezagerat.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi mill-provi prodotti partikolarment tramite x-xhieda taz-zewg sewwieqa u ta` l-PS 1417 Stephen Tharpey irrizulta li l-incidenti sehh fit-triq ta` fejn hemm il-Kwartieri Generali tal-Pulizija gewwa l-Furjana. Jidher li l-impatt bejn iz-zewg vetturi sehh meta l-attur kien miexi ghad-dritt fit-triq tieghu u l-konvenut li kien ipparkeggjat fil-genb ta` l-istess triq fuq in-naha tal-Kwartieri pponta biex johrog minn pozizzjoni ta` parking u jibda` jaqsam it-triq halli jipparkeggja l-vettura tieghu fuq in-naha opposta. Difatti dan jirrizulta kemm mill-verzjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa lill-Pulizija *a tempo vergine* fuq ir-rapport tieghu a fol. 65 tal-process, kemm mill-iskizz imhejji mill-istess Surgent tal-Pulizija a fol. 68 u kif ukoll mid-deskrizzjoni li nghatat dwar fejn grat il-hsara fuq iz-zewg vetturi rispettivi. Dan jirrizulta wkoll mir-ritratti ezebiti mix-xhud Axiaq. Peress illi l-vetturi kienu tresqu sakemm wasal il-Pulizija, t-tpingija fuq l-iskizz tieghu kienet tirrifletti x’qalulu z-zewg nahat u mhux fejn effettivament sabhom. Id-distanzi pero` ttiehdu skond marki ma` l-art li kien ghamel qablu Pulizija tat-traffiku. Is-

Surgent Tharpey jikkonferma li ma sab ebda brake marks ma` l-art u fuq domanda tat-Tribunal huwa wiegeb li l-konvenut kien qallu li l-incident sehh fil-mument meta huwa kien ipponta biex jidhol lejn il-parking space fuq in-naha l-ohra tat-triq u mhux meta kien wieqaf bl-indicator mixghul jistenna t-traffiku jghaddi. Ta` min jinnota wkoll li fuq ir-rapport tal-Pulizija ma hemm ebda ndikazzjoni li l-konvenut allega xi speed eccessiv da parti ta` l-attur kif ipprova jargumenta l-konsulent legali tieghu fit-trattazzjoni.

Iz-zewg sewwieqa bazikament ikkonfermaw bil-gurament taghhom il-verzjoni li huma taw lis-Surgent dak in-nhar ta` l-incident. L-attur jispjega li huwa kien miexi b’velocita` ta` cirka 20 jew 25 mil fis-siegha u kien fuq it-tielet gear. Hekk kif wasal fejn id-depot, il-konvenut li kien ipparkeggjat gewwa Landrover fil-genb tat-triq ipprova jaghmel U turn fis-sens li nqala` minn postu u resaq lejn nofs it-triq bil-konsegwenza li laqat bi zbrixx il-genb kollu tal-vettura tieghu. Mitlub jispjega il-ghala spicca daqshekk il-boghod mill-punt ta` l-impatt, l-attur ighid li huwa ma waqafx ma` l-impatt anzi lanqas biss ra gejja l-habta. Huwa semplicement hass id-daqqa fuq il-vettura tieghu u ddecieda li jieqaf aktar ‘l hinn biex jara x’gara.

Il-konvenut ikkonferma li huwa kien wieqaf fejn id-depot jistenna t-traffiku jghaddi sabiex ikun jista` jaqsam it-triq halli jipparkeggha fuq in-naha opposta tat-triq. Kien hemm traffiku mhux hazin ghaddej fit-triq. Hekk kif ra ma` gej hadd minn faccata tieghu, xeghel l-indicator u beda jaqsam it-triq ftit ftit wara li accerta ruhu li ma kien gej hadd minn warajh. Kien f’dan il-mument li beda jiccaqlaq ftit ftit li giet il-vettura ta` l-attur minn warajh u laqtitu fuq il-bumper tieghu. Ighid li huwa kien lahaq hareg il-barra madwar 30 centimetru. In kontro-ezami huwa jikkonferma li minn warajh huwa kellu vizwali fit-tul pero` xorta wahda ma rahx gej lill-attur. Mistoqsi mit-Tribunal, kif hares lura huwa wiegeb li hares kemm mill-mera u kif ukoll billi dawwar rasu. Anqas f’din ix-xhieda tal-konvenut ma ssib allegazzjoni da parti tieghu dwar sewqan eccessiv ta` l-attur – semplicement ighid li ma rahx gej.

Illi mill-provi hawn fuq riprodotti ma hemmx dubbju dwar kif sehh l-incident in kwistjoni. It-Tribunal ma jsib xejn x'jista` jwassal biex jinkolpa lill-attur filwaqt li l-konvenut wera diversi nuqqasijiet fis-sewqan tieghu. Mhux biss kien hiereg minn pozizzjoni ta` parkeggjar ghal go triq principali mimlija traffiku izda sahansitra bil-manuvra tieghu huwa kellu l-intenzjoni li addirittura jaqsam l-istess triq. Ma hux kredibbli l-konvenut meta jghid li adopera proper look out qabel jew waqt li kien qed jaghmel tali manuvra. Ma hux kredibbli l-konvenut meta jallega li anke hares lura fizikament meta dawwar rasu bit-tieqa miftuha u ma rahx gej l-attur meta kulhadd jaf x'vizwali fit-tul fiha dik il-parti tat-triq lura. L-allegazzjoni ta` sewqan eccessiv da parti ta` l-attur sollevata mill-konsulent legali tieghu fit-trattazzjoni ma tissemma` mkien fil-provi migjuba u anqas ma tista` tasal ghaliha minn provi cirkostanzjali. Id-distanza murija fuq l-iskizz hija approssimattiva peress li l-vetturi kienu ccaqilqu filwaqt li l-attur spjega ghas-soddisfazzjon tat-Tribunal li huwa kien waqaf 'l hinn mill-impatt biex jara x'gara wara li hass id-daqqa. Illi dwar il-hsara sostanzjali li garbet il-vettura ta` l-attur, dawn huma facilment spjegat mill-fatt li din intlaqtet bi zbrixx tul il-genb kollu taghha minn bumper ta` Landrover.

Illi dwar il-valur tad-danni subiti fil-vettura ta` l-attur dawn jidhru ampjament ippruvati tramite d-dokumenti ezebiti mix-xhud Mark Axiaq inkluz sensiela ta` ritratti tal-vettura milquta (a fol. 40 sa 59).

Ghaldaqstant, in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ta` l-incident in kwistjoni kwindi jirrespingi l-eccezzjonijiet minnu sollevati, jilqa` t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta` Lm 856.36, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------